31989R0736

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 736/89
tas-16 ta' Marzu 1989
riġward il-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 20/89 [2], u b' mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi assigurata applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa ma' l-istess Regolament, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-klassifika ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 iffissa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment bażata fuqha jew li żżid magħha kwalunkwe suddiviżjonijiet addizzjonali u li hi mwaqqfa b'disposizzjonijiet speċifiċi mill-Komunità, bi skop ta' applikazzjoni ta' tariffa jew miżuri oħra relatati man-negozju ta' oġġetti;

Billi, sussegwenti għall-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fl-1 kolonna tat-tabella annessa għal dan ir-Regolament għandha tkun ikklassifikata fil-kodiċijiet NM xierqa murija fit-2 kolonna, bis-saħħa tar-raġunijiet imniżżla fit-3 kolonna;

Billi l-kumitat tan-nomenklatura ma tax opinjoni fiż-zmien mogħti mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fl-1 kolonna tat-tabella annessa huma b'hekk ikklassifikati fin-nomenklatura magħquda fil-kodiċijiet NM xierqa murija fit-2 kolonna ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fis-16 ta' Marzu 1989.

Għall-Kummissjoni



Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, pġ. 1.
[2] ĠU L 4, tas-6.1.1989, pġ. 19.

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifika kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Biċċa ħwejjeġ wiesgħa, ħafifa, maħduma bil-labra tal-malja (100 % tajjar) għandha medja ta' 10 ponti jew iżjed kull ċentimetru lineari f'direzzjoni waħda, maħsub biex jgħatti l-parti ta' fuq tal-ġisem, jasal sa taħt il-qadd, bil-linja ta' l-għonq għat-tond iżda bla għonq miftuħa parzjalment fuq quddiem b'buttuna tagħlaq ix-xellug fuq il-lemin. Għandha kmiem qosra u wiesgħa b'keffa fit-tarf. Fin-naħa ta' isfel li hija bil-keffa,fiha qasmiet fil-ġnub ta' madwar 6 ċentimetri kull naħa. Mal-linja ta' l-għonq għandha ċinta magħmula minn drapp immaljat. Fiha wkoll bizzilla nofs tond fuq wara nieżla mil-linja ta' l-għonq. (Ara ritratt Nru 395 (*))  	6105 10 00	Il-klassifika hija stabbilita skond id-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, nota legali 4 għall-Kapitolu 61 u bit-test ta' kodiċijiet NM 6105 u 6105 10 00
2. Biċċa ħwejjeġ wiesgħa, maħduma bil-labra tal-malja jew *crochet* (100 % tajjar) li għandha medja ta' 10 ponti jew iżjed kull ċentimetru lineari f'direzzjoni waħda, maħsuba biex tgħatti l-parti ta' fuq tal-ġisem, li tasal sa taħt il-qadd. Għandha linja ta' l-għonq għat-tond iżda mingħajr għonq miftuħa parzjalment fuq quddiem b'buttuna tagħlaq lemin fuq xellug u għandha kmiem twal. Fiha wkoll keffa fil-linja ta' l-għonq, fit-tarf tal-kmiem u fin-naħa ta' isfel. (Ara ritratt Nru 394 (*))  	6106 10 00	Il-klassifika hija stabbilita skond id-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, nota legali 4 għall-Kapitolu 61 u bit-test ta' kodiċi NM 6106 u 6106 10 00. Ara wkoll in-nota spjegattiva għall-kodiċi NM 6106 li għandu x'jaqsam ma' qomos ta' rġiel u tan-nisa

(*) Ir-ritratti huma biss ta' natura illustrattiva.

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Klassifika kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
3. Biċċa ħwejjeg ħafifa, wiesgħa, maħduma bil-labra tal-malja (100 % tajjar) ta' disinn *fancy* li għandha medja ta'10 ponti jew iżjed kull ċentimetru lineari f'direzzjoni waħda, maħsuba biex tgħatti n-naħa ta' fuq tal-ġisem, li tasal sa taħt il-qadd, bil-linja ta' l-għonq wiesgħa iżda bla għonq parzjalment miftuħa fuq quddiem b'buttuna tagħlaq lemin fuq xellug. Ma fihiex kmiem u għandha drapp immaljat meħjut fuq il-linja ta' l-għonq u madwar id-dirgħajn. It-tarf fih keffa. (Ara ritratt Nru 396 (*))  	6106 10 00	Il-klassifika hija stabbilita skond id-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, nota legali 4 għall-Kapitolu 61 u bit-test ta' kodiċi CN 6106 u 6106 10 00. Ara wkoll in-nota spjegattiva għall-kodiċi NM 6106 li għandha x'taqsam ma' qomos ta' rġiel u tan-nisa

(*) Ir-ritratti huma biss ta' natura illustrattiva.